MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2014

Numru. 150/2013

Il-**Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Jessica Bajada**

Kaz Numru: 150/2013

Illum 18 ta' Marzu 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Jessica Bajada**, bint John u Julie Anne neé Styles, imwielda fil-11 ta' Mejju 1990, u residenti fil-fond numru 5, Triq Kolaci, Munxar, Ghawdex u/jew Horizon, Flat 5, Triq il-Bizantini, Xlendi, Ghawdex, u detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 21790(G),

akkuzata talli nhar l-4 u l-5 ta' Frar 2013 fi Triq il-Bizantini, Xlendi, Ghawdex:

1. bla hsieb li tisraq jew taghmel hsara kontra l-ligi izda biex tezercita' jedd li tippretendi li ghandha fixklet lil Emanuel Bajada (I.D. 19056(M)) u lil Pauline Bajada (I.D. 17758(G)) fil-pussess ta' hwejjighom billi accediet ghall-fond tal-genituri taghha minn fuq il-proprjeta' ta' Bajada li tinsab fi Triq il-Bizantini, Xlendi, Ghawdex;

2. kif ukoll ghamlet vjolazzjoni kontra l-proprjeta' ta' Emanuel u Pauline Bajada;

3. u aktar talli nhar il-5 ta' Frar 2013 ghall-habta ta' 10:30hrs fi Triq il-Bizantini, Xlendi hadet filmati/ritratti b'mezzi elettronici ta' Pauline Bajada I.D. 17758(G) u dan minghajr il-kunsens taghha u dan waqt li l-imsemmija Pauline Bajada kienet fil-proprjeta' taghha u mhux f'post pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni u mill-kwerelanti.

Semghet lill-imputata tixhed minn jeddha u b'mod volontarju.

Rat in-Noti ta' Osservazzjonijiet tal-kwerelanti u tal-imputata.

**Ikkunsidrat**

Illi, riferenza sejra ssir ghax-xiehda saljenti li giet mismugha minn din il-Qorti.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2013, xehed **il-Perit Emanuel Vella** fejn qal li huwa l-Perit ta' missier l-imputata. Jispjega li mill-ezercizzju li ghamel il-proprjeta' in kwistjoni mhijiex ta' Emanuel Bajada. Ezebixxa dokument in sostenn tax-xiehda tieghu, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "EV 1".

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2013, xehed il-kwerelant **Emanuel Bajada** fejn ipprezenta s-segwenti dokumenti: kuntratt bi pjanta annessa (Dok. "EB 1"), sentenza (Dok. "EB 2"), zewg ritratti (Dok. "EB 3" u "EB 4"), pjanta (Dok. "EB 5"), *aerial photograph* (Dok. "EB 6") u pjanta (Dok. "EB 7"). Jghid li xtara l-proprjeta tieghu fil-31 ta' Awwissu 1994 (*Vide* kuntratt Dok. "EB 1"). Jixhed li fl-4 ta' Frar 2013 ra vettura bin-numru ta ta' registrazzjoni JBR 643 b'erba' minn nies fiha u li l-karta li tidher f'ritratti Dok. "EB 3" u "EB 4" giet mnehhija minn tfajla. Dan qallu bih certu Edlmayer. Jghid li qatt ma kellem lil Jessica Bajada.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2013, xehdet ukoll il-kwerelanta **Pauline Bajada** fejn qalet li hija ma kienitx kellmet lil Jessica Bajada. Tixhed li qalet lil Jessica Bajada li kienet ser tehdoliha ritratt pero ma haditux. Tghid li kienet Jessica Bajada li hadet ritratt.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2013, xehdet ukoll l-imputata **Jessica Bajada** fejn qalet li ghandha tlieta u ghoxrin sena. Tixhed li l-proprjeta in kwisjoni ilhom juzawha ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. Rat ritratt immarkat bhala Dok. "KM 1" (ezebiet fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2013) u qalet li l-*letterbox* li tidher f'dan ir-ritratt hija taghhom. Tixhed li Frar

2013 kienet flimkien ma' tlett persuni ohra u li l-kwerelanta Pauline Bajada bdiet tghidilha biex ma tghaddiex minn hemm. Tghid li Pauline Bajada kellha kamera f'idejha u tissoponi li bdiet tohdilha r-ritratti. Tikkonferma li hi (Jessica Bajada) kellha *ipad* f'idejha u ma hadet l-ebda ritratti.

In <u>kontro-ezami</u> tixhed li l-kwerelanta Pauline Bajada bdiet tghidilha biex ma tidholx ghax kien ikun aghar ghaliha li tghaddi minn hemm. Tikkonferma li xi hadd li kien maghha (ma' Jessica Bajada) mar qala' l-karta li kienet tghid biex dak li jkun ma jghaddiex.

## Ikkunsidrat

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**:

Illi fl-ewwel imputazzjoni l-imputata tinsab akkuzata fuq ir-reat ta' *ragion fattasi.*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci**, deciza fis-7 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "[F]il-ligi taghna r-reat ta' *ragion fattasi* mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra".

Illi l-Qorti tinnota li huwa ormai stabbilit li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' *ragion fattasi*, huma erbgha, u cioé:

"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;

(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;

(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, *'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'*); u

(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, **Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia**, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia**, Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; **Il-Puliziia vs. Carmelo Ciantar**, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni alle Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' **ragion fattasi** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' **ragion fattasi** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu

> rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".[1]

Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Ghall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa bizzejjed xi forma ta' pussess.

Illi ma jirrizulta minn imkien li l-kwerelanti gew spoljati b'xi mod f'din il-kawza. Kull dritt li kienu jgawdu baqghu jgawduh! Ma jezistix l-att materjali kif rikjest ghar-reat ta' *ragion fattasi*. Apparti minn dan, semplici karta bil-kliem fuqha biex dak li jkun ma jidholx m'huwiex bizzejjed biex wiehed jghid li kien hemm oppozzizjoni. Apparti minn hekk, ma giex pruvat li effettivament kienet l-imputata li nehhiet il-karta in kwistjoni. Ma jirrizulta bl-ebda mod li l-imputata hadet il-ligi b'idejha u dana kif jitlob ir-rekwizit li jishaq dwar il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika.

Ghaldaqsant, m'hemmx dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata ma gietx sodisfacentement pruvata.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>:**

Illi l-imputata giet akkuzata wkoll li kkommettiet vjolazzjoni ta' proprjeta' ghad-dannu tal-kwerelanti. Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996.

> "Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-proprjetà, kull min [...] (d) bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, jagħmel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'oħra f'dan il-Kodiċi".

Riferenza sejra ssir ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Settembru 2008, fejn il-Qorti qalet hekk:

> "[G]ie sottomess fil-kors tad-dibattitu orali quddiem din il-Qorti illi l-ewwel imputazzjoni postulata fl-inciz (d) ta' l-Artikolu 340 tal-Kapitolu 9 ma kienetx tregi ghax kien jonqos l-element tal-hsara tas-sid jew tad-detentur. Wiehed necessarjament jifhem illi l-"hsara" ghal liema tirreferi l-kontravenzjoni fl-artikolu succitat trid tkun wahda materjali jew, almenu, ta' pregudizzju ghall-proprjeta' jew ghad-detenzjoni".

In segwitu ta' dan, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li effettivement l-imputata kkommetiet il-"hsara" rikjest taht Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma giex pruvat xi hsara sofrew il-kwerelanti u ghaldaqstant l-imputata ghandha tigi liberata wkoll mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>:**

Illi ma jirrizultax li l-imputata hadet xi ritratti kif giet akkuzata bih u ghaldaqstant l-imputata ser tigi liberata wkoll minn tali imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u b'hekk tilliberaha minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------